REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/548

tad-29 ta' Marzu 2021

li jagħmel importazzjonijiet ta' kejbils ta' fibra ottika li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina soġġetti għar-reġistrazzjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku") u, b'mod partikolari, l-Artikolu 14(5) tiegħu,

Wara li informat lill-Istati Membri,

Billi:

(1) Fl-24 ta' Settembru 2020, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") ħabbret, permezz ta' notifika ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ([2]) ("in-Notifika ta' bidu"), il-ftuħ ta' proċediment antidumping fir-rigward ta' importazzjonijiet ta' kejbils ta' fibra ottika li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (iċ-"Ċina") wara lment imressaq minn Europacable ("l-ilmentatur") f'isem il-produtturi li jirrappreżentaw aktar minn 25 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-kejbils ta' fibra ottika.

1. PRODOTT SOĠĠETT GĦAR-REĠISTRAZZJONI

(2) Il-prodott soġġett għal reġistrazzjoni jikkonsisti f'kejbils tal-fibra ottika b'modalità unika, magħmulin minn fibra waħda miksija individwalment jew aktar, b'kisi protettiv, li fihom kondutturi elettriċi jew le ("OFC"), li joriġina miċ-Ċina ("il-prodott ikkonċernat"). Il-prodotti li ġejjin huma esklużi: (i) kejbils li fihom il-fibri ottiċi huma mgħammra individwalment b'konnetturi operazzjonali f'estremità waħda jew fiż-żewġ estremitajiet; kif ukoll (ii) kejbils għall-użu taħt il-baħar. Il-kejbils għall-użu taħt il-baħar huma kejbils tal-fibra ottika insulati bil-plastik, b'konduttur tar-ram jew tal-aluminju, li fihom il-fibri huma f'modulu/i tal-metall.

(3) Il-prodott ikkonċernat bħalissa huwa kklassifikat taħt il-kodiċi NM ex 8544 70 00 (kodiċi TARIC 8544 70 00 10). Il-kodiċijiet NM u TARIC qed jingħataw għall-informazzjoni biss.

2. TALBA

(4) Fis-17 ta' Diċembru 2020, l-ilmentatur ippreżenta talba għar-reġistrazzjoni f'konformità mal-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku. L-ilmentatur talab li l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat isiru soġġetti għar-reġistrazzjoni sabiex sussegwentement ikunu jistgħu jiġu applikati miżuri kontra dawk l-importazzjonijiet mid-data ta' tali reġistrazzjoni, dment li jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fir-Regolament bażiku.

3. RAĠUNIJIET GĦAR-REĠISTRAZZJONI

(5) Skont l-ilmentatur, ir-reġistrazzjoni kienet ġustifikata minħabba li l-kundizzjonijiet fl-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku ġew issodisfati. B'mod partikolari, l-ilmentatur argumenta li l-prodott ikkonċernat kien qed ikun oġġett ta' dumping fl-Unjoni f'volumi dejjem akbar wara l-bidu tal-proċediment li kkawża ħsara sinifikanti lill-industrija tal-Unjoni u jdgħajjef l-effett rimedjali tad-dazji definittivi potenzjali.

(6) Il-Kummissjoni eżaminat it-talba fid-dawl tal-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni vverifikat jekk l-importaturi kinux akkonoxxenza, jew jekk kellhomx ikunu akkonoxxenza, tad-dumping fir-rigward tal-livell tad-dumping u d-dannu allegat jew misjub. Analizzat ukoll jekk kienx hemm żieda sostanzjali ulterjuri fl-importazzjonijiet li, fid-dawl ta' meta seħħet u l-volum u ċirkostanzi oħra, x'aktarx imminat serjament l-effett ta' rimedju tad-dazju anti-dumping definittiv li għandu jiġi applikat.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.
([2]) ĠU C 316, 24.9.2020, p. 10.

3.1. **Il-konoxxenza tal-importaturi dwar id-dumping, il-livell tiegħu u d-dannu allegat**

(7) Il-Kummissjoni għandha għad-dispożizzjoni tagħha biżżejjed evidenza li l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat miċ-Ċina qed ikunu iddampjati. B'mod partikolari, l-ilmentatur ipprovda evidenza ta' dumping abbażi ta' paragun tal-valur normali maħdum abbażi tal-kostijiet tal-produzzjoni u l-bejgħ li jirriflettu prezzijiet jew parametri referenzjarji mingħajr distorsjoni, stabbilit f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, mal-prezz tal-esportazzjoni (fil-livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika) tal-prodott ikkonċernat meta mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni. Fuq dik il-bażi, il-marġni tad-dumping ta' 123 % ikkalkulat fl-ilment huwa sinifikanti.

(8) Dik l-informazzjoni kienet inkluża fin-notifika ta' bidu u għalhekk il-Kummissjoni tqis li l-importaturi kienu konxji, jew kellhom ikunu jafu, dwar id-dumping.

(9) Bi tweġiba għat-talba għar-reġistrazzjoni mressqa mill-Europacable, il-Kamra tal-Kummerċ taċ-Ċina għall-Importazzjoni u l-Esportazzjoni ta' Makkinarju u Prodotti Elettroniċi (CCCME) sostniet li r-rekwiżiti legali għar-reġistrazzjoni ma ġewx issodisfati, minħabba li t-talba għar-reġistrazzjoni ma kkunsidratx l-għarfien tal-importatur dwar id-dumping flimkien mar-rekwiżit taż-żieda sostanzjali ulterjuri fl-importazzjonijiet. B'mod partikolari, skont il-parti, kwalunkwe żieda fl-importazzjonijiet li ma tkunx ikkawżata mill-għarfien ta' miżuri potenzjali ma għandhiex tissodisfa r-rekwiżiti legali.

(10) Fir-rigward ta' din id-dikjarazzjoni, il-Kummissjoni tqis li dawn iż-żewġ rekwiżiti għandhom jiġu kkunsidrati separatament. Fil-fatt, is-CCCME ssostni l-allegazzjonijiet tagħha billi tirreferi għal konstatazzjoni tal-Qorti ([3]) magħmula meta tinterpreta 10(4)(d) u mhux 10(4)(c), li huwa rekwiżit distint (u kumulattiv) ([4]). Is-CCCME irriproduċiet is-sejbiet parzjalment u ħarġithom mill-kuntest. Sempliċi qari tal-paragrafu kollu jagħmilha ċara li s-sejba hija irrilevanti għall-interpretazzjoni ta' "akkonoxxenza". Fil-fatt, il-konstatazzjonijiet f'dak il-każ isostnu l-pożizzjoni tal-Kummissjoni meta tiddikjara li huwa mill-pubblikazzjoni tan-notifika tal-bidu tal-investigazzjoni li l-importaturi kienu jafu bil-possibbiltà li d-dazji jistgħu sussegwentement jiġu applikati retroattivament. Dan jissuġġerixxi li l-importaturi jkunu wkoll (jew kellhom ikunu) konxji mid-dumping.

(11) Fir-rigward tal-għarfien tal-importaturi dwar id-dumping, il-Kummissjoni tqis li billi tat bidu għall-investigazzjoni u pprovdiet l-informazzjoni kollha meħtieġa lill-partijiet interessati, l-importaturi għandhom ikunu konxji tad-dumping. In-notifika ta' bidu hija ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u hija aċċessibbli għall-partijiet interessati kollha, inkluż għall-importaturi. Barra minn hekk, bħala partijiet interessati fl-investigazzjoni, l-importaturi għandhom aċċess għall-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-ilment. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kienet tal-fehma li, f'dak il-mument, l-importaturi kienu akkonoxxenza, jew kellhom ikunu akkonoxxenza, tal-prattiki allegati ta' dumping, il-livell tagħhom u d-dannu allegat.

(12) Rigward iż-żieda fl-importazzjonijiet, l-analiżi fil-premessi (19) u (20) turi li l-importazzjonijiet tabilħaqq żdiedu b'mod sinifikanti wara l-bidu ta' din l-investigazzjoni, u li, minħabba ż-żmien meħtieġ bejn l-ordni u t-twassil, din ix-xejra dehret mhux immedjatament, iżda aktar minn xahar wara l-bidu tal-investigazzjoni. Dan juri li ż-żieda ulterjuri rrapportata hawn taħt hija kkawżata minn deċiżjonijiet konxji tal-importaturi fid-dawl tal-eżistenza tal-investigazzjoni u tal-possibbiltà ta' dazji imposti fuq il-prodott ikkonċernat.

(13) B'hekk il-Kummissjoni kkonkludiet li l-ewwel kriterju għar-reġistrazzjoni kien issodisfat.

3.2. **Żieda sostanzjali ulterjuri fl-importazzjonijiet**

(14) Fit-talba tiegħu għar-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet, l-ilmentatur iddikjara żieda sostanzjali oħra fl-importazzjonijiet. Għal dak il-għan, l-ilmentatur uża l-Istatistika Doganali Ċiniża li turi li matul il-perjodu Jannar–Ottubru 2020, il-produtturi Ċiniżi tal-kejbils tal-fibrottika esportaw +9,5 % volumi ogħla tal-kodiċi Ċiniż tal-prodott 8544.70.00 lejn l-Unjoni ([5]) meta mqabbel mal-istess perjodu fl-2019.

([3]) Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) tat-8 ta' Mejju 2019, Stemcor London Ltd u Samac Steel Supplies Ltd vs Il-Kummissjoni Ewropea, Kawża T-749/16, punt 74.

([4]) *Ibid*. para. 46.

([5]) Din id-*data* tirreferi għall-esportazzjoni lejn l-EU27.

(15) Is-CCCME kkontestat iċ-ċifri pprovduti mill-ilmentatur, u ddikjarat li l-istatistika tal-esportazzjoni Ċiniża ma kinitx affidabbli u li ċ-ċifri tal-Eurostat ma wrewx żieda fl-importazzjonijiet.

(16) Il-Kummissjoni wettqet il-valutazzjoni tagħha stess fuq il-bażi ta' *data* kompluta u aġġornata disponibbli fil-bażi tad-*data* tas-Sorveljanza, mingħajr ma qieset l-istatistika tal-esportazzjoni Ċiniża.

(17) Il-Kummissjoni qabblet il-livell tal-importazzjonijiet mill-ewwel xahar sħiħ wara li nbdiet l-investigazzjoni (Ottubru 2020) sal-aktar xahar sħiħ riċenti disponibbli (Jannar 2021) mal-volumi korrispondenti tal-importazzjonijiet fl-istess perjodu tas-sena preċedenti (Ottubru 2019–Jannar 2020).

(18) Qabel il-bidu ta' din l-investigazzjoni ma kien hemm l-ebda kodiċi TARIC speċifiku għall-prodott ikkonċernat. Il-Kummissjoni kkalkulat il-proporzjon għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat (iddikjarat taħt il-kodiċi TARIC 8544 70 00 10) fil-perjodu Ottubru 2020–Jannar 2021 (32,85 %). Dan il-proporzjon kien ukoll konformi ma' dak ipprovdut fl-ilment u kkunsidrat adegwat għall-perjodu minn Ottubru 2019 sa Jannar 2020. Dan tqies bħala approċċ konservattiv peress li l-bqija tal-prodotti inklużi taħt il-kodiċi NM 8544 70 00 mhumiex taħt investigazzjoni u l-Kummissjoni ma identifikat l-ebda raġuni li tissuġġerixxi żieda f'dawk l-importazzjonijiet. L-importazzjonijiet miċĊina żviluppaw kif ġej:

Perjodu wara l-bidu	Importazzjonijiet EU27 (kg — kodiċi sħiħ NM)	Importazzjonijiet EU27 (kg — prodott ikkonċernat)	Perjodu qabel il-bidu	Importazzjonijiet EU27 (kg — kodiċi sħiħ NM)	Importazzjonijiet UE27 (kg — stima għall-prodott ikkonċernat)	% żieda (wara vs qabel il-bidu)
Ottubru 2020	2 302 136	744 914	*Ottubru 2019*	2 482 783	815 622	-8,7
Novembru 2020	2 035 304	527 452	*Novembru 2019*	1 871 467	614 798	-14,2
Diċembru 2020	2 519 501	745 918	*Diċembru 2019*	1 421 222	466 888	59,8
Jannar 2021	3 615 579	1 422 058	*Jannar 2020*	2 439 294	801 336	77,5
Total	10 472 519	3 440 342		8 214 766	2 698 645	27,5

Sors: *Data* ta' sorveljanza Doganali tal-UE.

(19) Il-Kummissjoni qabblet ukoll il-medja tal-importazzjonijiet fix-xahar matul il-perjodu ta' investigazzjoni (Lulju 2019 sa Ġunju 2020) mal-medja tal-importazzjonijiet fix-xahar fl-erba' xhur wara l-bidu (minn Ottubru 2020 sa Jannar 2021). It-tqabbil, kif spjegat fid-dettall fit-tabella ta' hawn taħt, wera żieda ta' 15,05 %.

Kodiċi NM sħiħ		Prodott ikkonċernat		% żieda wara l-bidu
Medja kull xahar wara l-bidu	Medja ta' kull xahar (Lulju 2019–Ġunju 2020)	Medja kull xahar wara l-bidu	Medja ta' kull xahar (Lulju 2019–Ġunju 2020)	
2 618 130	2 275 551	860 086	747 544	15,05

Sors: *Data* ta' sorveljanza Doganali tal-UE.

(20) Il-Kummissjoni vverifikat l-informazzjoni ta' hawn fuq ma' sorsi oħra ta' informazzjoni disponibbli, inklużi l-formoli tal-kampjunar u t-tweġibiet għall-kwestjonarju tal-produtturi esportaturi kif ukoll il-Eurostat, li ssuġġerixxa li l-volumi ta' importazzjoni ta' hawn fuq li nkisbu mill-bażi tad-*data* tas-Sorveljanza Doganali tal-UE jistgħu jiġu sottovalutati. Il-Kummissjoni se tinvestiga r-raġuni għal dawn id-diskrepanzi, inkluża r-rata ta' konverżjoni bejn l-unitajiet differenti ta' kejl. Il-Kummissjoni qieset li dan il-punt ma poġġiex f'dubju l-fatt li l-volumi tal-importazzjoni rrappurtati hawn fuq għandhom jitqiesu affidabbli għal din l-analiżi. Barra minn hekk, korrezzjoni ta' sottovalutazzjoni eventwali tal-volumi tal-importazzjoni tista' tirriżulta biss fit-tisħiħ tal-konklużjonijiet milħuqa f'dan ir-Regolament.

(21) Il-Kummissjoni għalhekk sabet li ż-żieda medja ta' 27,5 % fix-xhur wara l-bidu tal-investigazzjoni kienet tikkostitwixxi żieda sostanzjali fl-importazzjonijiet skont it-tifsira tal-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku. Bl-istess mod, iż-żieda ta' 15,05 % fuq il-bażi tal-medja ta' kull xahar ta' l-erba' xhur wara l-bidu bl-importazzjonijiet medji ta' kull xahar matul l-IP ukoll instabet li kienet sostanzjali.

(22) Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet li t-tieni kriterju għar-reġistrazzjoni kien issodisfat ukoll.

3.3. **L-imminar tal-effett ta' rimedju tad-dazju**

(23) Il-Kummissjoni għandha biżżejjed evidenza għad-dispożizzjoni tagħha li żieda kontinwata fl-importazzjonijiet miċ-Ċina bi prezzijiet li jkomplu jonqsu tikkaġuna dannu addizzjonali.

(24) Kif stabbilit fil-premessi (13) sa (18), hemm biżżejjed evidenza ta' żieda sostanzjali fl-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat. Dan x'aktarx jimmina serjament l-effett rimedjali tad-dazji li għandhom jiġu applikati. Huwa fil-fatt raġonevoli li wieħed jassumi li l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat jaf iżidu ulterjorment is-sehem mis-suq qabel l-adozzjoni ta' miżuri proviżorji, jekk ikun hemm, billi din tal-aħħar iseħħ lejn it-tieni nofs ta' Mejju 2021 l-aktar tard.

(25) Tabilħaqq, is-suq tal-UE huwa attraenti għall-produtturi esportaturi Ċiniżi bħala suq kbir tal-OFC fejn ma hemm l-ebda miżura ta' difiża kummerċjali fis-seħħ, għall-kuntrarju ta' swieq oħra bħall-Istati Uniti (fejn japplikaw dazji ta' 25 % ([6])). Dan huwa aktar u aktar minħabba l-kapaċità żejda Ċiniża sinifikanti għal dan il-prodott stmata li tammonta għal aktar mid-doppju tas-suq kollu tal-UE fuq il-bażi ta' intelliġenza tas-suq speċjalizzat ipprovduta mill-ilmentaturi. Barra minn hekk, iż-żmien huwa kritiku peress li sejħa għall-offerti ewlenija għall-prodott ikkonċernat bdiet f'Jannar 2021 għal kuntratt ta' provvista pluriennali li jirrappreżenta proporzjon imdaqqas ta' konsum fi Franza.

(26) Barra minn hekk, meta wieħed iżomm f'moħħu li l-industrija tal-Unjoni għandha kostijiet fissi għoljin, huwa evidenti li tnaqqis fis-sehem mis-suq u fil-produzzjoni se jwassal għal tnaqqis fil-profittabbiltà matul il-perjodu bejn il-bidu u l-impożizzjoni eventwali tal-miżuri.

(27) Barra minn hekk, il-prezzijiet tal-importazzjoni tal-prodott ikkonċernat fil-perjodu bejn Ottubru 2020 u Jannar 2021 huma baxxi. Il-bażi tad-*data* Surveillance 2 tindika li l-valur medju għal kull kg ta' importazzjonijiet Ċiniżi taħt il-kodiċi NM 8544 70 00 kien madwar 24 % inqas f'Ottubru 2020 - Jannar 2021 milli f'Ottubru 2019- Jannar 2020. Dan huwa indikattiv tal-prezzijiet medji tal-prodott ikkonċernat, peress li l-proporzjon tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat fiż-żewġ perjodi huwa komparabbli (id-*data* tas-sorveljanza doganali tal-UE għall-perjodu Ottubru 2020-Jannar 2021 tindika li l-prodott ikkonċernat jammonta għal madwar 33 % tal-importazzjonijiet totali taħt il-kodiċi NM 8544 70 00, l-istess proporzjon allegat fl-ilment). Dan ta' hawn fuq jikkonferma l-imġiba tal-ipprezzar tal-produtturi esportaturi Ċiniżi deskritti fl-ilment.

(28) Iż-żieda sostanzjali ulterjuri fl-importazzjonijiet osservata wara l-bidu (b'mod partikolari f'Diċembru u f'Jannar), iffaċilitata mill-kapaċità żejda eżistenti fiċ-Ċina u xprunata mill-attraenza tas-suq tal-UE, x'aktarx li timmina serjament l-effetti rimedjali tal-miżuri, mhux l-inqas fid-dawl tal-impatt ikkonċentrat f'perjodu qasir ta' żmien, taż-żmien kritiku ta' ċerti offerti, u tal-prezzijiet baxxi involuti. Ma hemm l-ebda informazzjoni fil-fajl dwar ċirkostanzi oħra li jistgħu jikkontradixxu din il-valutazzjoni.

([6]) Jekk jogħġbok irreferi għal: https://hts.usitc.gov/view/China%20Tariffs?release=2020HTSARev16

(29) Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet li t-tielet kriterju għar-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet kien issodisfat ukoll.

3.4. **Konklużjoni**

(30) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li hemm biżżejjed evidenza biex tiġġustifika l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat suġġetti għar-reġistrazzjoni b'konformità mal-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku.

4. **PROĊEDURA**

(31) Il-partijiet interessati kollha huma mistiedna jippreżentaw il-fehmiet tagħhom bil-miktub u jipprovdu evidenza ta' sostenn. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tisma' lill-partijiet interessati, bil-kundizzjoni li jagħmlu talba bil-miktub u juru li hemm raġunijiet partikolari għalfejn dawn għandhom jinstemgħu.

5. **REĠISTRAZZJONI**

(32) Skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-reġistrazzjoni bl-iskop li jiżguraw li, f'każ li l-investigazzjoni tirriżulta f'konklużjonijiet li jwasslu għall-impożizzjoni ta' dazji anti-dumping, dawk id-dazji jistgħu, jekk il-kundizzjonijiet neċessarji jkunu ssodisfati, jiġu imposti b'mod retroattiv fuq l-importazzjonijiet irreġistrati skont id-dispożizzjonijiet legali applikabbli.

(33) Kull obbligazzjoni fil-futur tiġi mill-konklużjonijiet tal-investigazzjoni antidumping.

(34) L-allegazzjonijiet fl-ilment li jitlob li jingħata bidu għal investigazzjoni antidumping jagħtu stima ta' marġni medju ta' dumping sa massimu ta' 123 % u livell medju ta' eliminazzjoni tad-dannu ta' 'l fuq minn 43 % għall-prodott ikkonċernat. Abbażi ta' dan, l-ammont ta' responsabbiltà possibbli fil-futur jista' jiġi stabbilit fil-livell tal-marġini ta' dumping allegat fl-ilment, jiġifieri sa massimu ta' 43 % *ad valorem* fuq il-valur ta' importazzjoni CIF tal-prodott ikkonċernat.

(35) Filwaqt li tqis id-diffikultajiet fit-tqabbil tal-volumi f'unitajiet differenti ta' kejl, kif irrappurtat hawn fuq fil-premessa (20), il-Kummissjoni tqis xieraq li jkollha d-*data* tal-importazzjoni inkluża l-informazzjoni dwar it-tul tal-kejbils f'kilometri għall-finijiet ta' monitoraġġ. Għalhekk l-awtoritajiet doganali huma ordnati li jiġbruhom.

6. **IPPROĊESSAR TA' *DATA* PERSONALI**

(36) Kwalunkwe data personali li tinġabar f'din l-investigazzjoni se tiġi trattata skont ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-awtoritajiet doganali huma b'dan ordnati, skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament (UE) 2016/1036, biex jieħdu l-passi xierqa biex jirreġistraw l-importazzjonijiet ta' kejbils ta' fibra ottika b'modalità waħda, magħmula minn fibra waħda jew aktar miksija individwalment, b'kejsing protettiv, kemm jekk fihom kondutturi elettriċi kif ukoll jekk le, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 8544 70 00 (kodiċi TARIC 8544 70 00 10) u li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina. Il-prodotti li ġejjin huma esklużi:

(i) kejbils li fihom il-fibri ottiċi huma mgħammra individwalment b'konnetturi operazzjonali f'estremità waħda jew fiż-żewġ estremitajiet; kif ukoll

(ii) kejbils għall-użu taħt il-baħar. Il-kejbils għall-użu taħt il-baħar huma kejbils tal-fibra ottika insulati bil-plastik, b'konduttur tar-ram jew tal-aluminju, li fihom il-fibri huma f'modulu/i tal-metall.

([7]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

2. Ir-reġistrazzjoni għandha tiskadi disa' xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

3. Il-partijiet interessati kollha huma mistiedna jippreżentaw il-fehmiet tagħhom bil-miktub, jipprovdu evidenza ta' sostenn jew jitolbu li jinstemgħu fi żmien 21 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Id-dikjarazzjoni doganali għandha tindika t-tul f'kilometri tal-prodott deskritt fl-Artikolu 1(1), sakemm din l-indikazzjoni tkun kompatibbli mal-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([8]).

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Marzu 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([8]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1). L-Anness I "Nomenklatura Magħquda".